Commonwealth Foundation

# Il-Premju Commonwealth tan-Novelli 2026

## Eliġibbiltà u regolamenti

Jekk jogħġbok aqra dwar l-eliġibbiltà u r-regolamenti nfushom qabel tibda l-proċess biex iddaħħal in-novella tiegħek online. Il-formola online tinsab fuq il-ħolqa https://commonwealthfoundation.com/short-story-prize/ li se tkun disponibbli mill-ftuħ tad-data tal-kompetizzjoni: l-1 ta' Settembru 2025.

It-tressiq ta' novella jitqies bħala aċċettazzjoni tar-regolamenti.

F'każ li għandek xi mistoqsijiet dwar eliġibbiltà jew ir-regolamenti li mhumiex koperti hawnhekk, jekk jogħġbok qabel iddaħħal in-novella tiegħek, ibgħat email lil creatives@commonwealthfoundation.com biex tiċċara l-mistoqsijiet tiegħek.

**Id-data ta' ftuħ**

**L-1 ta' Settembru 2025**

**In-novelli jridu jitressqu permezz tal-formola online**

**Id-data ta' skadenza**

**L-istejjer iridu jitressqu permezz tal-formola online sal-1 ta' Novembru 2025, 11.59pm (GMT** - Time Zone Converter – Time Difference Calculator).

**Ebda novella mhi se tiġi kkunsidrata jekk titressaq wara din id-data.**

### 1. Dwar il-Premju

a. Il-Premju Commonwealth tan-Novelli huwa premju annwali għal novelli fittizji mhux ippubblikati, amministrat u ffinanzjat mill-Commonwealth Foundation.

b. Il-premju jkopri r-reġjuni tal-Commonwealth: 1. l-Afrika, 2. l-Asja, 3. il-Kanada u l-Ewropa, 4. il-Karibew u 5. il-Paċifiku. (Ara Sezzjoni 5 għall-pajjiżi eliġibbli għal kull reġjun).

c. Il-panel internazzjonali ta' aġġudikaturi huwa magħmul minn aġġudikant minn kull reġjun. Jekk jogħġbok innota li waqt li n-novelli se jiġu aġġudikati reġjonalment, l-aġġudikaturi se jaqraw in-novelli mir-reġjuni kollha, imbagħad jiddeliberaw.

d. Se jkun hemm ħames rebbieħa, wieħed minn kull reġjun. Rebbieħ wieħed minnhom se

jintgħażel bħala r-rebbieħ ewlieni. Dan ir-rebbieħ ewlieni tal-Premju Commonwealth tan-Novelli se jirċievi premju ta' £5,000, waqt li l-erba' rebbieħa reġjonali l-oħra se jirċievu premju ta' £2,500. Jekk in-novella rebbieħa hija traduzzjoni għall-Ingliż, it-traduttur se jirċievi premju monetarju addizzjonali.

e. L-għażla finali se tkun aġġudikata minn panel ta' aġġudikaturi internazzjonali, u qarrejja b'esperjenza se jassistu lill-aġġudikaturi msemmija fl-għażla tan-novelli għal-lista finali.

## 2. Eliġibbiltà

a. Il-parteċipanti jridu jkunu ċittadini ta' pajjiż fil-Commonwealth – jekk jogħġbok ara Sezzjoni 5 għal-lista' ta' pajjiżi tal-Commonwealth – jew persuni mingħajr stat li bħalissa huma residenti f'pajjiż tal-Commonwealth. Qabel jintgħażlu r-rebbieħa, il-Commonwealth Foundation se titlob għal verifikazzjoni tal-istatus taċ-ċittadinanza. Novelli minn ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex fil-Commonwealth mhumiex eliġibbli.

b. Għal għanijiet reġjonali, in-novelli se jkunu aġġudikati mill-pajjiż ta' ċittadinanza. F'każ li xi kittieba għandhom ċittadinanza doppja (ta' żewġ pajjiżi fil-Commonwealth), in-novella tiġi aġġudikata fir-reġjun li fih dawk il-kittieba huma residenti permanenti.

c. Mhu se jkun hemm ebda talba fuq il-kittieba biex ikollhom residenza kurrenti f'pajjiż tal-Commonwealth, sakemm huma ċittadini ta' pajjiż fil-Commonwealth.

d. Il-parteċipanti jridu jkun għalqu t-tmintax-il sena sal-**1 ta' Novembru 2025**.

e. In-novelli kollha se jiġu aċċettati fid-diskrezzjoni tal-Commonwealth Foundation li se teżerċita l-ġudizzju tagħha, f'konsultazzjoni maċ-chairman tal-premju skont l-eliġibbiltà. Id-deċiżjoni taċ-chairman rigward kwistjonijiet ta' eliġibbiltà hija finali, u ebda korrispondenza oħra mhi se tiġi kkunsidrata.

f. Novelli minn rebbieħa ewlenin preċedenti tal-Premju Commonwealth tan-Novella mhumiex eliġibbli. Novelli minn kittieba li rebħu l-premju reġjonali tliet darbiet ukoll mhumiex eliġibbli biex iressqu novella għall-premju.

g. Novelli minn ħaddiema attwali tal-Commonwealth Foundation mhumiex eliġibbli.

h. In-novelli mressqa ma jistgħux ikunu ppubblikati u jibqgħu mhux ippubblikati fi kwalunkwe lingwa sal-1 ta' Mejju 2026.

i. Jekk is-sottomissjoni tiegħek intgħażlet għal-lista l-qasira jew rebħet premju f'kompetizzjonijiet oħra, hija eliġibbli sakemm ma ġietx ippubblikata.

## 3. Ir-regolamenti

a. In-novelli mressqa, inkluż dawk tradotti, iridu jkunu nkitbu mill-awturi oriġinali.

b. In-novelli mressqa se jkunu aċċettati biss permezz tal-formola online.

c. Id-data ta' skadenza hija l-1 ta' Novembru 2025 (11.59pm GMT).

d. L-awturi jistgħu jressqu biss novella waħda għall-Premju Commonwealth tan-Novella.

e. In-novella trid tkun xogħol il-parteċipant.

f. In-novella trid tkun xogħol oriġinali u ma tridx tkun ġiet ippubblikata xi mkien, parzjalment jew fl-intier tagħha, **f'ebda lingwa**, sal-**1 ta' Mejju 2026**. Xogħol jiġi kkunsidrat ippubblikat meta jiġi ppubblikat f'xi forma mitbugħa, aċċessibbli pubblikament, ngħidu aħnau f'antoloġija, rivista jew gazzetta. Anke jekk jiġi ppubblikat online, b'eċċezzjoni għal blogs personali, siti pesonali u paġni ta' Facebook personali.

g. Novelli li tressqu qabel għall-Premju Commonwealth tan-Novella mhumiex eliġibbli.

h. In-novelli għandhom jitressqu bl-Ingliż, għajr għal dawn l-eċċezzjonijiet: novelli minn ċittadini tal-Commonwealth li jiktbu bil-Bengali, iċ-Ċiniż, il-Franċiż, il-Grieg, il-Kiswahili, il-Kreole, il-Malaj, il-Malti, il-Portugiż, is-Samoan, it-Tamil u t-Tork u li ma għandhomx traduzzjoni bl-Ingliż għan-novella tagħhom. Dawn jistgħu jressqu n-novelli tagħhom bil-lingwa oriġinali. Traduzzjonijiet bl-Ingliż għan-novelli miktubin f'lingwi oħrajn huma eliġibbli jekk jitressqu mill-kittieba (mhux it-tradutturi) u sakemm it-tradutturi huma wkoll ċittadini minn pajjiż fil-Commonwealth.

i. Tressiq simultanju huwa eliġibbli sakemm il-parteċipanti jinfurmaw lill-organizzaturi (permezz ta' email lil creatives@commonwealthfoundation.com) immedjatament jekk in-novella tiġi aċċettata għal pubblikazzjoni xi mkien ieħor jew tintgħażel għal xi premju.

j. In-novelli jridu jkunu twal mhux inqas minn 2,000 kelma, sa massimu ta' 5,000 kelma (it-titlu eskluż).

k. In-novelli għandhom jitressqu permezz ta' dokument PDF. **Jekk jogħġbok issejvja d-dokument bħala PDF u uża t-titlu tal-istorja bħala l-isem tal-fajl. Jekk jogħġbok innota** li n-novella ma tistax tkun imsemmija 'Novella tal-Commonwealth', 'Storja Qasira' jew xi titlu ġeneriku ieħor. Jekk mhux possibbli li tissejvja n-novella bħala fajl PDF, tista' tittella' bħala dokument ta' Microsoft Word, bl-isem tal-fajl fl-istess format ta' qabel. L-ewwel paġna għandha tinkludi l-isem tan-novella u n-numru tal-kliem.

l. Id-dettalji tal-awturi għandhom ikunu inklużi fil-formola. Dawn id-dettalji ma għandhom jingħataw f'ebda dokument imtella'. In-novelli jridu jkunu aġġudikati b'mod anonimu.

m. Fejn applikabbli, id-dettalji tat-tradutturi għandhom jiġu inklużi fil-formola.

n. Novelli bl-Ingliż għandhom jitressqu bit-tipa Arial b'daqs 12 u spazju doppju bejn linja u oħra. Għal tressiq b'lingwa oħra, għandha tintuża tipa xierqa. Il-paġni kollha għandhom ikunu nnumerati.

o. Ma hemm ebda restrizzjoni fuq ambjent, ġeneru jew tema.

p. In-novella trid tkun fittizja għall-adulti u ma tridx tkun miktuba għat-tfal biss.

q. Il-parteċipanti jridu jaqblu mal-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni li tgħid li l-organizzaturi tal-premju jistgħu jippubblikaw il-fatt li n-novella ddaħħlet għall-Premju jew fil-lista finali.

r. Id-drittijiet tal-awturi fuq livell dinji jibqgħu tal-awturi. Il-Commonwealth Foundation se jkollha d-dritt mingħajr restrizzjoni biex tippubblika n-novelli rebbieħa, (in-novella rebbieħa ewlenija u l-erba' novelli rebbieħa reġjonali) online, f'antoloġija, jew għal għanijiet promozzjonali fejn xieraq.

s. Il-kittieba li jidħlu fil-lista finali, ir-rebbieħa reġjonali, u r-rebbieħ ewlieni, huma mistennija jieħdu sehem f'attivitajiet ta' pubbliċità inkluż fil-midja soċjali meta possibbli.

t. Ir-rebbieħ ewlieni u r-rebbieħa reġjonali huma mistennija li jwettqu programm maqbul b'mod reċiproku ta' attivitajiet reġjonali ta' sensibilizzazzjoni biex jiżviluppa u jippromwovi l-Commonwealth Foundation.

**4. Kuntatt**

Għal kwalunkwe mistoqsijiet dwar eliġibbiltà jew regolamenti, jekk jogħġbok ikkuntattja lil creatives@commonwealthfoundation.com

**5. Premjijiet reġjonali**

**L-Afrika**: L-Afrika t'Isfel, il-Botswana, l-Eswatini, il-Gabon, il-Gambja, il-Ghana, il-Kamerun, il-Kenja, il-Lesoto, il-Malawi, il-Mauritius, il-Mozambique, in-Namibja, in-Niġerja, ir-Rwanda, is-Seychelles, Sierra Leone, it-Tanzanija, it-Togo, l-Uganda, iż-Zambja. Territorji Barranin: Saint Helena, Tristan Da Cunha, Ascension Island.

**L-Asja**: Il-Bangladesh, il-Brunei Darussalam, l-Indja, il-Malażja, il-Maldivi, il-Pakistan, Singapore, is-Sri Lanka.

**Il-Kanada u l-Ewropa**: Ċipru, Malta, il-Kanada, ir-Renju Unit. Territorji Barranin: Ġibiltà, il-Gżejjer Falkland.

**Il-Karibew:** Antigua u Barbuda, il-Bahamas, Barbados, il-Belize, Dominica, Grenada, il-Guyana, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Saint Lucia, Saint Vincent u l-Grenadini, Trinidad u Tobago. Territorji Barranin: Anguilla, Bermuda, il-Gżejjer Cayman, il-Gżejjer Turks u Caicos, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi, Montserrat

**Il-Paċifiku:** L-Awstralja, Fiġi, il-Gżejjer Solomon, Kiribati, Nauru, New Zealand, Papua New Guinea, Samoa, Tonga, Tuvalu, Vanuatu. Territorji Barranin: il-Gżejjer Cook, Niue, il-Gżejjer Pitcairn.